TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 320/11 (JE).

Margaret u Raphael Micallef

vs

E'Casa Ltd.

Illum, 14 ta' Marzu 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Margaret u Raphael Micallef tat-28 ta' Settembru 2011 fejn stqarru illi xtraw sufan magħruf bħala "divano con chaise longue nicoline" mingħand is-soċjetà konvenuta bil-prezz ta' tlett elef erba' mija u erbgħa u disgħin euro (€ 3,494). Illi l-imsemmi sufan huwa skomdu ħafna stante illi meta l-atturi jpoġġu fuq is-sufan, dan is-sufan jibda jiżżerżaq bil-konsegwenza li l-atturi jinżlu minn fuqu. Illi dan l-istess sufan m'huwiex konformi mal-kuntratt tal-bejgħ għaliex m'huwiex adattat għall-iskop li għalih oġġetti ta' l-istess tip normalment jintużaw. Għaldaqstant, l-atturi talbu li ssir rexissjoni tal-kuntratt ai termini tal-artikolu 76 tal-Kap. 378 u r-rifużjoni tal-prezz ta' € 3,494 lill-atturi fir-rigward ta' l-imsemmi sufan kif ukoll il-ħlas ta' somma ta' flus bħala danni morali għall-ħsara, l-ansjetà u l-inkonvenjenza kkawżata lill-atturi ai termini ta' l-artikolu 21(2) tal-Kap. 378.

Ra r-risposta dettaljata tas-soċjetà konvenuta fejn stqarrew illi m'hix tikkontesta illi l-atturi xtraw is-sufan mingħand is-soċjetà konvenuta, liema sufan inxtara fis-16 ta' Frar 2010. Illi l-ilment tal-atturi ġie vventilat fit-23 ta' Mejju 2011, jiġifieri ħmistax-il xahar wara illi nxtara s-sufan, f'liema perjodu, ir-rikorrenti għamlu użu minnhom. Għaldaqstant, l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 79 tal-Kap. 378. Bla preġudizzju, l-atturi għamlu l-għażla ħielsa tagħhom fis-sens illi kellhom kull opportunità illi jippruvaw is-sufan kif fil-fatt għamlu u ddeċidew illi jakkwistawh. Illi t-talba għall-kumpens hija vessatorja u t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

Sema' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Ikkunsidra..

Illi dina s-sentenza tirrigwarda l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta jekk l-azzjoni attriċi hijiex perenta ai termini ta' l-artikolu 79 tal-Kap. 378. Illi l-imsemmi artiklu għandu jinqara fil-kuntest ta' l-artikli fil-liġi illi jippreċeduh u jissuċċeduh :

78. Il-kummerċjant għandu jkun responsabbli taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 73 u 74 meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformità fi żmien sentejn mill-kunsinna ta' l-oġġetti. Dan il-perjodu għandu jiġi sospiż sakemm idumu għaddejin in-negozjati bejn il-kummerċjant u l-konsumatur bil-għan li jintlaħaq ftehim amikevoli.

79. (1) Sabiex ikun jista' jikseb benefiċċju mir-rimedji disponibbli taħt din it-Taqsima, konsumatur għandu javża lill-kummerċjant bil-miktub b'kull nuqqas ta' konformità fi żmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebaħ b'dak n-nuqqas ta' konformità.
(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, għandu jitqies bħala prova suffiċjenti li jkun ingħata avviż jekk in-notifika ssir b'att ġudizzjarju fiż-żmien preskritt, jew jekk il-konsumatur juri li l-ittra tkun intbagħtet bil-posta reġistrata fiż-żmien preskritt.

80. Sakemm ma jiġix ippruvat xort'oħra, kull nuqqas ta' konformità li wieħed jista' jinduna bih fi żmien sitt xhur mill-kunsinna ta' l-oġġetti għandu jitqies bħala li jkun eżista fil-waqt tal-kunsinna, meta din il-presunzjoni tkun fil-biċċa l-kbira kompatibbli max-xorta ta' l-oġġetti jew max-xorta ta' nuqqas ta' konformità.

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet irriżulta illi s-sufan in kwistjoni ġie ordnat fis-16 ta' Frar 2010, ġie kkunsinjat fis-27 ta' Mejju 2010, tħallas f'Lulju ta' dik is-sena u l-ilment fir-rigward sar fit-tieni ġimgħa ta' Mejju 2011.

Il-liġi hija ċara illi sabiex wieħed jista' jibbenefika mir-rimedji mogħtija fit-Taqsima IX tal-Kap. 378 irid jagħti avviż lill-kummerċjant bil-miktub bin-nuqqas ta' konformità fi żmien xahrejn minn meta nduna b'tali nuqqas. It-Tribunal iqis illi dan hu perjodu ta' dekadenza u m'hux preskrizzjoni u għaldaqstant, tali perjodu ta' xahrejn huwa perentorju u ma jistax jiġi interrott. Ir-rimedju mitlub milll-konsumatur huwa r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ ai termini ta' l-artiklu 76 tal-Kap. 378 u għaldaqstant, l-artiklu 79 huwa applikabbli għall-każ odjern.

In virtù ta' l-artiklu 78 tal-Kap. 378, il-konsumatur għandu dritt għal rimedju għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità illi tirriżulta fi żmien sentejn mid-data tal-kunsinna. Inoltre, l-artiklu 80 jistipula illi kwalunkwe nuqqas ta' konformità illi wieħed jista' jinduna biha fi żmien sitt xhur tal-kunsinna, tiġi preżunta illi kienet teżisti fid-data tal-kunsinna. It-Tribunal huwa sodisfatt illi n-nuqqas ta' konformità llamentat huwa tali illi wieħed seta' jinduna bih fl-ewwel sitt xhur wara l-kunsinna u għaldaqstant, kien jeżisti fid-data tal-kunsinna.

Għaldaqstant, l-atturi kienu fid-dmir illi javżaw lis-soċjetà konvenuta bin-nuqqas ta' konformità llamentata fi żmien xahrejn mid-data tal-kunsinna kif jistipula l-artikolu 78. Fuq l-atturi jaqa' l-oneru illi jippruvaw illi l-avviż bil-miktub mitlub mill-artiklu 79 tal-Kap. 378 ingħata gjaladarba s-soċjetà konvenuta tat l-imsemmija eċċezzjoni imma kjarament tali avviż ma ngħatax fit-terminu preskritt u għaldaqstant, l-atturi ma jistgħu jibbenefikaw mill-ebda rimedju taħt it-Taqsima IX tal-Kap. 378. Dura lex sed lex.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenutata u jilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

In vista tan-natura tal-vertenza, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.